



Brussell, 4 ta' Diċembru 2014
(OR. en)

16507/14

LIMITE

UD 275

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 15017/2/14 REV 2 UD 240	
Suġġett:	Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Servizzi Doganali Elettroniċi u l-Implimentazzjoni ta' Interface Uniku fl-Unjoni Ewropea.

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmi hawn fuq u m'ħejji mill-Presidenza, kif maqbul mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Unjoni Doganali.

Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Servizzi Doganali Elettroniċi u l-Implimentazzjoni ta' Interface Uniku fl-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

WAQT LI JFAKKAR:

- Fl-Kodiċi Doganali tal-Unjoni¹, b'mod partikolari l-Artikoli 6 u 47 dwar l-użu ta' tekniki tal-ipproċessar elettroniku tad-data u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet;
- Fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni dwar is-Servizzi Doganali Elettronici² li jagħmel appell għall-iżvilupp ta' servizzi ta' interface uniku fl-UE u tal-Pjan direzzjonali dwar Interface Uniku approvat mill-Kapijiet tal-Amministrazzjonijiet Doganali tal-Istati Membri tal-UE fl-aqgħa tal-Grupp tal-Politika Doganali fl-2011;
- Fil-prijoritajiet stipulati f'Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-riforma tal-governanza tal-Unjoni Doganali tal-UE³
- Fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-ġestjoni tar-riskju doganali: L-indirizzar ta' riskji, it-tisħiħ tas-sigurtà tal-katina tal-provvista u l-iffaċilitar tal-kummerċ.
- Fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-9 Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, li jsaħħu l-importanza tal-Artikolu 10 punt 4 u l-Artikolu 8 tal-Ftehim tal-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ għall-istabbiliment ta' ambjent komuni ta' Interface Uniku tal-UE li jippermetti li n-negozjanti jippreżentaw id-dokumenti lill-awtoritajiet, l-aġenziji u l-uffiċċji rilevanti tal-fruntieri permezz ta' punt ta' aċċess uniku;

¹ Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013, ĠU L 269 tal-10.10.2013. p. 1)

² Deċiżjoni Nru 70/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar ambjent mingħajr karti għad-dwana u l-kummerċ, ĠU L 23, 26.1.2008, p. 21

³ Dok. 9688/14

JISSOTTOLINJA L-IMPORTANZA:

- Li tingħata definizzjoni mill-UE għall-ambjent tal-Interface Uniku għad-dwana u li jiġu stabbiliti l-funzjonijiet u l-oġġettivi prinċipali tiegħu, kif ukoll ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-partijiet ikkonċernati differenti fl-ambjent tal-Interface Uniku għad-dwana fil-livell tal-UE u dak nazzjonali u li tingħata s-setgħa lill-awtoritajiet responsabbli għall-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni u għall-allokazzjoni tar-riżorsi xierqa;
- Li tiġi aċċellerata l-armonizzazzjoni tad-data meħtieġa mill-awtoritajiet differenti fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali, li jinbena fuq l-istandards internazzjonali eżistenti u li titkompla tintuża l-aġenda għad-diġitalizzazzjoni;
- Li jiġu kkoordinati inizjattivi u pjanijiet ta' ħidma li jkollhom l-għan li jiddefinixxu l-Interface Uniku b'dispożizzjonijiet tal-Pjan Strateġiku Pluriennali (MASP) u li jiġu evitati soluzzjonijiet li jinvolvu spejjeż addizzjonali għall-Istati Membri

JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li tittejjeb il-kapaċità tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-aġenziji u l-uffiċċji rilevanti tal-UE fl-implimentazzjoni ta' ambjent ta' Interface Uniku tal-UE għad-dwana u l-ħtieġa ta' appoġġ finanzjarju għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u ż-żamma taħt il-Programm Dwana 2020 jew programm ieħor;

JENFASIZZA r-rwol tal-awtoritajiet doganali fl-implimentazzjoni ta' ambjent ta' Interface Uniku tal-UE u l-ħtieġa li tingħata s-setgħa lill-awtoritajiet doganali li jkunu l-awtorità ewlenija għall-implimentazzjoni tal-koordinazzjoni;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA d-Dikjarazzjoni ta' Venezja, maqbula fil-15 ta' Ottubru 2014 mill-Kapijiet tal-Amministrazzjoni Doganali tal-Istati Membri tal-UE u mis-Servizzi tal-Kummissjoni, kif stipulat fl-Anness;

JAPPROVA d-Dikjarazzjoni ta' Venezja u JAPPELLA lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni sabiex jieħdu l-inizjattivi xierqa kollha biex jimplimentawha u, b'mod partikolari, sabiex jaqblu sal-2015 dwar pjan ta' ħidma, f'konformità mal-MASP u l-Programm ta' Ħidma tal-KDU, inkluża proposta għal definizzjoni mill-UE tal-ambjent tal-Interface Uniku għad-dwana u pjan direzzjonali li jippermetti l-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti ta' dan l-ambjent tal-Interface Uniku għad-dwana.

U JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI tippreżenta proposta bil-ħsieb tar-reviżjoni tad-Deċiżjoni dwar ambjent mingħajr karti għad-dwana u l-kummerċ (Deċiżjoni dwar is-Servizzi Doganali Elettroniċi), abbażi tal-eżitu tal-evalwazzjoni li għaddejja bħalissa u abbażi tal-analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji.

Dikjarazzjoni ta' Venezja dwar is-Servizzi Doganali Elettroniċi u l-Implimentazzjoni ta' Interface Uniku fl-Unjoni Ewropea

Il-Kapijiet tal-Amministrazzjoni Doganali tal-Istati Membri tal-UE u dawk tal-Kummissjoni Ewropea mlaqqgħin f'Venezja fil-15 ta' Ottubru 2014,

Filwaqt li jfakkru fil-ħtieġa li

Il-kummerċ leġittimu jiġi ffaċilitat u żviluppat u li jiġu msaħħa s-sigurtà u l-protezzjoni taċ-ċittadini;

Il-proċeduri doganali applikati għall-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' merkanzija jiġu armonizzati biex ikun hemm- uniformità xierqa fl-implimentazzjoni u għal kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-atturi ekonomiċi u li jitnaqqas il-piż amministrattiv għan-negozjanti u l-amministrazzjonijiet nazzjonali;

L-effettività u l-effiċjenza tal-kontrolli jiġu mtejbja sabiex is-soċjetà tkun protetta minn theddid għas-saħħa, is-sikurezza, is-sigurtà u l-ambjent u sabiex jiġu ssalvagwardjati l-interessi finanzjarji tal-UE, kif ukoll il-koordinazzjoni u l-effiċjenza fl-interazzjoni bejn l-aġenziji tad-dwana u aġenziji governattivi oħra, u li jkun hemm kooperazzjoni fil-kummerċ;

Ir-riżorsi limitati jiġu allokat i b'tali mod li l-innovazzjoni tkun possibbli u li jkun possibbli li jsir aktar u b'mod aħjar b'inqas riżorsi;

Jinnutaw

L-Artikoli 6 u 47 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni⁴ dwar l-użu ta' tekniki tal-ipproċessar elettroniku tad-data u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet; u l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni dwar is-Servizzi Doganali Elettroniċi⁵ li jappella għall-iżvilupp ta' servizzi ta' Interface Uniku fl-UE;

Il-Pjan direzzjonali dwar Interface Uniku approvat fis-CPG mill-Istati Membri fl-2011;

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013

⁵ Id-Deċiżjoni Nru 70/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar ambjent mingħajr karti għad-dwana u l-kummerċ

Id-differenzi fid-definizzjoni u l-approċċ lejn l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Interfaces Uniċi;

L-eżistenza ta' bażi ta' data u ta' sistema ta' skambju ta' informazzjoni tal-UE għall-ġestjoni ta' ċertifikati għall-protezzjoni tas-saħħa, is-sikurezza u l-ambjent;

Il-valur miżjud ta' sistemi elettroniċi pprovduti mill-Kummissjoni Ewropea b'paragun ma' dawk ipprovduti f'livell nazzjonali biex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-amministrazzjonijiet u l-operaturi ekonomiċi kollha kullimkien fl-UE;

Il-progress li sar fl-implimentazzjoni tas-sistemi eżistenti tal-Interface Uniku fi Stati Membri bil-kooperazzjoni tal-komunità kummerċjali;

Jiddikjaraw li

Jeħtieġ li d-Deċiżjoni dwar is-Servizzi Doganali Elettroniċi tiġi adattata għall-evoluzzjonijiet fil-kummerċ globali, fit-teknoloġija, fir-rekwiżiti u t-tekniki ta' ġestjoni tar-riskji u fil-metodi tal-kontroll doganali u li jiġu definiti r-rwoli tal-partijiet ikkonċernati involuti fis-Servizzi Doganali Elettroniċi; dan jinkludi l-identifikazzjoni ta' qligħ possibbli mill-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri u l-appoġġ u l-koordinazzjoni meħtieġa mill-Kummissjoni;

Il-preżenza ta' ħtiġijiet speċifiċi fl-Istati Membri timplika li l-Interfaces Uniċi nazzjonali ma jistgħux ikunu identiċi iżda jeħtieġu l-koordinazzjoni u speċifikazzjonijiet komuni fl-UE sabiex l-interfaces ikunu possibbli u biex jiġu sfruttati kemm jista' jkun il-benefiċċji f'termini ta' faċilitazzjoni tal-kummerċ, sigurtà u protezzjoni taċ-ċittadini.

Is-sistemi tal-UE eżistenti u ppjanati għaċ-ċertifikati għandhom jiġu eżaminati bir-reqqa għall-integrazzjoni fl-ambjent ta' Interface Uniku tal-UE għad-dwana sabiex jinkiseb approċċ issimplifikat għat-tnaqqis tal-ispejjeż ta' implimentazzjoni għall-amministrazzjoni u l-kummerċ; l-Interfaces Uniċi nazzjonali għandhom jinbnew fuq sistemi ta' legat;

L-Interface Uniku nazzjonali għandu jinteraġixxi mal-bażijiet ta' data u mas-sistemi għall-iskambju ta' informazzjoni tal-UE;

L-operaturi għandhom jippreżentaw l-informazzjoni lill-awtoritajiet darba biss;

L-iżvilupp fl-UE ta' ambjent ta' Interface Uniku għal ġestjoni u kontroll integrati hu kumpless u jeħtieġ approċċ f'fażijiet.

Għandha tingħata prijorità lil:

L-ġhoti ta' definizzjoni mill-UE ta' ambjent ta' Interface Uniku għad-dwana u l-istabbiliment tal-funzjonijiet u l-oġettivi prinċipali tiegħu, kif ukoll ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-partijiet ikkonċernati differenti fl-ambjent tal-Interface Uniku għad-dwana fil-livell tal-UE u dak nazzjonali u l-ġhoti tas-setgħa lill-awtoritajiet responsabbli biex jikkoordinaw l-implimentazzjoni u jallokaw ir-riżorsi xierqa;

Koordinazzjoni aħjar bejn id-dipartimenti fil-Kummissjoni Ewropea;

L-aċċellerazzjoni tal-armonizzazzjoni tad-data meħtieġa mill-awtoritajiet differenti fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, lill-bini fuq l-istandards internazzjonali eżistenti u lill-użu kontinwu tal-aġenda għad-diġitalizzazzjoni;

Jistiednu lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jikkunsidraw:

Għandhomx iħejju pjan ta' ħidma f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati involuti f'konformità mal-MASP u l-Programm ta' Ħidma tal-KDU sabiex ikun possibbli li tibda dalwaqt l-implimentazzjoni progressiva tal-ambjent ta' Interface Uniku tal-UE għad-dwana li ser ikopri l-ambitu tal-funzjonalitajiet offruti, il-kontenut tal-iskambji ta' informazzjoni u l-iskeda ta' żmien;

Għandhomx jipprovdu, bħala parti mill-pjan ta' ħidma, aċċess standardizzat għaċ-ċertifikati tal-UE għall-amministrazzjonijiet doganali nazzjonali, għall-ġestjoni (eż. l-applikazzjoni, il-ġestjoni tal-kwantità, eċċ.) u l-aċċettazzjoni awtomatika tagħhom;

Għandhomx jirrevedu d-Deċiżjoni dwar is-Servizzi Doganali Elettroniċi abbażi tal-eżitu tal-evalwazzjoni li għaddejja bħalissa u abbażi tal-analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji, b'mod partikolari biex jipprovdu qafas legali għall-iżvilupp tal-ambjent ta' Interface Uniku tal-UE b'definizzjoni tal-ambitu tal-applikazzjoni, l-oġettivi u r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-partijiet ikkonċernati rilevanti u l-iskadenzi mmirati.